**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 50/2024 CC

**Joseph Ellul (KI 522477 M)]]**

**Vs**

**Paul Ellul [KI 124871 (M)]**

**Monica Pace [KI 393666 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Frar 2024, fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenuti Paul Ellul u Monica Pace sabiex jirrifonduh is-somma ta' elfejn, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€2,541.81c) u cjoe l-ammont ta' elf, mitejn u sebgħin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€1270.91c) kull wieħed u kull waħda minnhom rappreżentanti sehem tagħhom minn diversi pagamenti lil terzi persuni magħmula għal benefiċċju tal-istess konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti preżentata fl-24 ta' April 2024 fejn sostnew li l-ammont kif mitlub ma huwiex dovut in kwantu parti l-kbira mill-pagamenti mwettqa mill-attur saru bi flus

derivanti mill-wirt ta’ omm il-partijiet, Karmena Ellul, liema flus kienu fil-pussess tal-attur u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża.

Ra li fis-seduta tat-3 ta’ Ġunju 2024, Dr Ian Vella Galea għal konvenuti ddikjara li bl-eċċezzjoni tal-irċevuta datata 21 ta’ Mejju 2024 u li ġiet preżentata f’dik l-istess seduta, il-konvenuti m’humiex qegħdin jikkontestaw l-ispejjeż l-oħra mitluba, b’dana li l-eċċezzjoni tagħhom hi fis-sens li l-attur ħallas għal dawn l-ispejjeż bi flus derivanti mill-wirt t’ommhom, u għalhekk, sehem il-konvenuti minn dawn il-flus għandu jitnaqqas minn sehemhom tal-ispejjeż dovuti lill-Attur.

Ra li fis-seduta tat- 3 ta’ Ġunju 2024, il-partijiet iddikjaraw li m’għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tiegħu kontra l-konvenuti, l-attur ressaq is-segwenti provi:

1. **Karen Ellul** xehdet li hija mart l-attur. Waqt ix-xhieda tagħha hija ppreżentat kopja tal-visa debit card tal-HSBC bank ta' account savings li fiha kienet tiġi ddepożitata il-pensjoni tad-decuius. Hija sostniet li hija kienet tiġbed il-flus lid-decuius kull meta kienet titlobha u dan meta d-decuius kienet l-isptar. (DOK KE1).

   Hija ppreżentat diversi pay slips (DOK KE2). Hija sostniet li l-aħħar pensjoni ġiet irritornata lis-Sigurta' Soċjali, b'ċekk ta' żewġha u għalhekk il-pensjoni għadha l-bank. Ix-xhud ippreżentat ukoll prospett ta' spejjeż li ġie mmarkat DOK KE2, liema spejjeż kienu ġew imħallsa minnha f'isem id-decuius fiż-żmien li d-decuius kienet rikoverata l-isptar.

   Apparti dawk l-ispejjeż ġew imħallsa €40 lil Melita (DOK KE4). Ix-xhud ippreżentat ukoll il-ktieb tal-kera (DOK KE 5) fejn fih hemm indikat li x-xhud ħallset lis-sid l-ammont ta' €440.

   Ix-xhud sostniet li kienu l-attur u l-konvenuta Monica Pace li kienu marru fil-flat tad-decuius. Hi ma kinitx preżenti magħhom. Ix-xhud sostniet li hija taf li fil-flat kienu nstabu xi flus kontanti pero ma tafx kemm kien dan l-ammont. Li taf huwa li dawk il-flus intużaw biex tħallas parti mill-kont tal-funeral.

2. **L-attur Joseph Ellul** xehed li l-konvenuti huma ħutu. Missieru ilu għoxrin sena mejjet. Ommu kienet mara indipendenti. Martu kienet tieħu ħsieb li tmur tixtrilha senza interessi. Meta ommu daħlet l-isptar huma baqgħu jieħdu ħsiebha.

   Sostna li ommu kienet waqgħet. Ma setgħetx tiftaħlu u għalhekk kellu jisgazza l-bieb. Imbagħad għalquh b'mod temporanju. Meta sgazza il-bieb kien hemm preżenti oħtu u r-raġel tagħha. Eventwalment kienu operawha.

   Wara flimkien mar-raġel ta' oħtu kienu marru jirranġaw is-serratura.

Fis-16 ta' Diċembru mietet ommu. Il-post kien mikri u sal-aħħar tax-xahar kien hemm bżonn li joħorġu l-affarijiet tagħha l-barra.

Huwa ordna lifter u truck. Dakinhar li kien mar tat-truck kien hemm preżenti oħtu l-konvenuta Monica Pace u żewġha. L-affarijiet li kienu għadhom tajbin bħal sufani u kamra tas-sodda kienet ħadithom oħtu, filwaqt li l-kumplament tniżżlu bil-lifter, intefgħu ġot-truck u ntremew.

Ix-xhud isostni li fil-flat sabu elf u mitejn ewro (€1,200). Dawn il-flus kienet sabithom oħtu fil-gwardarobba ġo basket iswed. Il-flus kienu jikkonsistu f'karti tal-għaxar ewro u tal-għoxrin ewro. Kienet oħtu stess li għoddiethom. Minħabba li ħuħ ma kellux biex iħallas, oħtu u l-attur iddeċiedew li jħallas kollox l-attur. Għalhekk kienet għadditlu l-flus li sabu fil-flat biex iħallas bihom u eventwalment il-flus li jkun ħareġ minn butu jinqasmu bejniethom u s'intendi l-konvenuti kellhom iħallsu lill-attur sehemhom.

Ix-xhud ippreżenta diversi irċevuti tal-ispejjeż li huwa ħallas. Ix-xhud bil-ġurament ikkonferma li l-ammont dovut mill-konvenuti huwa dak ta' elf, mitejn u sebgħin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmi kull wieħed (€1,270.91c).

Im kontro-eżami, x-xhud sostna li fil-flat hu u oħtu sabu elf, mitejn u erbgħin ewro (€1240).

Ix-xhud mistoqsi: '*Issa jien id-domanda tiegħi kienet qabel ma għamel dan il-kalkolu kollu li jikkalkula it-two thirds kemm iridu jħallsu l-oħrajn, l-elf, mitejn u erbgħin ewro li sab u li żamm hu skond ix-xhieda tiegħu, naqqashom mit-tlett elef u tmien mija?*'

Ix-xhud irrisponda: *'**Ma tnaqsux le**'.*

Ix-xhud ċaħad li hu u oħtu kienu sabu aktar minn elf, mitejn u erbgħin ewro (€1240) fil-basket l-iswed.

Ix-xhud sostna li kien hu li kien ħa lil Keith Calleja sabiex joħroġ l-affarijiet mill-appartament. Ix-xhud sostna li lil dan Keith Calleja kien ħallsu cash dakinhar stess quddiem oħtu.

Ix-xhud sostna li tal-flat tah lura d-depożitu, liema depożitu kien jammonta għal €380.

Ix-xhud mistoqsi: '*Dawn it-€380 inti ħadthom in konsiderazzjoni qabel m'għamilt din il-kawża ? Biex tnaqqas milli għandek tieħu mingħand ħutek.'*

Ix-xhud irrisponda: ***'Hemmhekk hemm imniżżel xi ħriġt u ovvjament dawn iridu jitnaqssu'.***

3. Diversi irċevuti fosthom irċevuta fiskali.

Illi sabiex jirribattu t-talba miġjuba fil-konfront tagħhom mil-attur, il-konvenuti ressqu s-segwenti provi:

1. **Monica Pace** sostniet li Keith Calleja kien ħadu l-attur biex iniżżlilhom l-affarijiet bil-lifter u dam xi siegħa u nofs jew sagħtejn u mhux erba' siegħat kif hemm indikat fl-irċevuta.

   Ix-xhud sostniet ukoll li dakinhar li kien fuq il-post, Keith Calleja ma riedx flus.

   Ix-xhud sostniet li fil-flat ta' ommhom kienu sabu s-somma ta' elfejn u mitejn ewro (€2,200) Dawk il-flus kien żammhom l-attur.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi t-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn l-attur isostni li bejniethom l-intimati għandhom iħallsuh l-ammont ta' elfejn, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€2,541.81c), filwaqt li l-intimati isostnu li l-ammont dovut minnhom lill-attur huwa anqas minn dak mitlub mill-attur.

**Ikkunsidra**

Il-konvenuti qegħdin jikkontestaw il-ħlas li l-attur isostni li sar tas-servizz tat-tail lift. Il-Konvenuta Monica Pace ssostni li Keith Calleja ma riedx ħlas tas-servizz tiegħu. Min naħa tiegħu l-attur isostni li Keith Calleja tħallas ta' xogħlu u anke ppreżenta rċevuta fiskali datata 23 ta' April 2024 fl-ammont ta' €120.

Il-Konvenuti minkejja li kienu qegħdin jikkontestaw dan il-ħlas u minkejja li l-attur ippreżenta rċevuta fiskali, huma għażlu li ma jħarrkux lil Keith Calleja sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri u taħt ġurament jiddikjara jekk huwa kienx verament tħallas ta' xogħlu.

It-Tribunal iffaċċjat b'żewġ verżjonijiet differenti, sejjer jistrieħ fuq l-irċevuta fiskali preżentata' mill-attur.

It-Tribunal josserva li fit-talba tiegħu l-attur isostni li huwa ħallas lil Calleja, l-ammont ta' €141.60c (vat inkluża). Madanakollu mill-irċevuta fiskali jirriżulta li l-ħlas kien dak ta' €120.

Għalhekk mill-ammont li l-attur isostni li huwa dovut lilu se jkun qiegħed jitnaqqas l-ammont ta' €21.60c)

**Ikkunsidra**

L-attur Joseph Ellul u l-konvenuta Monica Pace isostnu li wara l-mewt ta' ommhom Karmena Ellul, fil-kamra tas-sodda ġewwa basket iswed kienu nstabu xi flus li kienu ġew miżmuma mill-attur, liema flus intużaw sabiex tħallsu parti mill-ispejjeż.

Meta instabu dawn il-flus l-attur Joseph Ellul u l-konvenuta Monica Pace kienu waħedhom u ma kien hemm ħadd aktar magħhom.

L-attur Joseph Ellul isostnu li kienu nstabu €1,240, filwaqt li l-konvenuta Monica Pace ssostni li kienu nstabu l-ammont ta' €2,200.

F'sitwazzjoni bħal din, it-Tribunal jispiċċa f'diffikulta enormi sabiex jirnexxilu jasal għal verita'.

It-Tribunal għandu quddiemu żewġ verżjonijiet differenti ta' l-uniċi żewġ persuni li kienu preżenti meta nstabu l-flus.

Qabel xejn it-Tribunal jagħmilha ċara li hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn xi ħadd mix-xhieda xehed falz u konsegwentament wettaq ir-reat ta' sperġur. Dan huwa aġir inaċċettabli.

Iffaċċjat b'din is-sitwazzjoni fejn it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jasal għal min kien qiegħed jgħid il-verita' fix-xhieda tiegħu, it-Tribunal ma għandux alternattiva oħra ħlief li jaqsam id-diskrepanza bin-nofs u cjoe ladarba l-konvenuta qegħda ssostni li fil-basket nstabu €2,200 u l-attur isostni li nstabu €1,2400 li jwassal għal diskrepanza ta' €960, it-Tribunal se jmur għat-triq tan-nofs u konsegwentament isostni li mill-ispejjeż għandu jitnaqqas l-ammont ta' €1,720.

**<u>Ikkunsidra</u>**

In kontro-eżami, l-attur sostna li fil-flat hu u oħtu sabu elf, mitejn u erbgħin ewro (€1240).

Meta l-attur ġie mistoqsi: '*Issa jien id-domanda tiegħi kienet qabel ma għamel dan il-kalkolu kollu li jikkalkula it-two thirds kemm iridu jħallsu l-oħrajn, l-elf, mitejn u erbgħin ewro li sab u li żamm hu skond ix-xhieda tiegħu, naqqashom mit-tlett elef u tmien mija?'*

Ix-xhud irrisponda: *'**Ma tnaqsux le**'*.

L-attur sostna li sid il-flat tah lura d-depożitu, liema depożitu kien jammonta għal €380.

Meta l-attur ġie mistoqsi: '*Dawn it-€380 inti ħadthom in konsiderazzjoni qabel m'għamilt din il-kawża ? Biex tnaqqas milli għandek tieħu mingħand ħutek.'*

Ix-xhud irrisponda: ***'Hemmhekk hemm imniżżel xi ħriġt u ovvjament dawn iridu jitnaqssu'.***

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal isostni li mill-ammont ta' €3,812.72 għandhom jitnaqqsu l-ammont ta' €21.60c, l-ammont ta' €1,720 u l-ammont ta' €380. Dan iwassal għal total ta' €1,691.12c. L-ammont ta' €1691.12 jeħtieġ li jinqasam bejn tlett persuni.

Għalhekk it-Tribunal sejjer jikkundanna lil konvenuti sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' €563.71c **kull wieħed u waħda minnhom.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jilqa in parte l-eċċezzjoni indikata mill-konvenuti, jilqa in parte it-talba tal-attur fis-sens illi:

1. Jikkundanna lill-konvenut Paul Ellul sabiex iħallas lill-attur Joseph Ellul s-somma ta' ħames mija u tlieta u sittin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€563.71c).

2. Jikkundanna lill-konvenuta Monica Pace sabiex tħallas lill-attur Joseph Ellul s-somma ta' ħames mija u tlieta u sittin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€563.71c).

3. Kull parti tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tagħha marbuta ma' dawn il-proċeduri.

4. Imgħax mhux sejjer jingħata, billi ma ntalabx u kwindi jekk jingħata dan it-Tribunal ikun qed imur extra petita.

5. It-Tribunal jordna li s-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk kienx hemm ksur tal-liġi u f'każ li dan jirriżultalu jieħu l-passi legali fil-konfront ta' dawk il-persuni li kienu responsabbli għal dan il-ksur.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**